

# L-Għaqda Każin Banda San Filep issellem lis-Sur Carmelo Zammit f'għeluq il-100 sena minn mewtu

**Tagħrif miġbur mill-Arkivista John Gafà**





Is-Sur Carmelo Zammit twieled fil-15 ta' Lulju, 1847 f'Ħaż-Żebbuġ minn Salvatore u Margerita Borg. Għammduh dakinhar stess fil-Parroċċa ta' San Filep ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Il-parrini kienu Salvatore Schembri u Rosa Zammit. Huwa kien magħruf bħala Ta' Xafrin u kien jgħix fid-dar No. 3 fi Triq Manoel. Carmelo kien negozjant kbir tal-qoton u kellu 'l fuq minn mitejn ħaddiem jaħdmu f'dan ix-xogħol. Miegħu kienu jaħdmu xi Għawdxin u minflok jagħtihom il-paga, Carmelo kien jipprovdilhom post fejn jorqdu u jagħtihom l-ikel b'xejn. Hu kien ta' somma flus lil Antonio Callus biex issir statwa ta' Sant'Agata (patruna tan-nissieġa) għall-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ. Fil-fatt din saret fl-1895 mill-istatwarju Vincenzo Cremona.

Carmelo Zammit serva bħala President tal-Filarmonika San Filippo bejn is-snin 1895 u 1900 u bejn l-1908 u l-1911. Bejn l-1857 u l-1885 il-Banda San Filippo kienet tagħmel il-kunċerti fir-residenza tiegħu. Dan ġara għax il-banda kienet kibret fin-numru ta' bandisti u l-każin kien sar żgħir għaliha. Carmelo kien benefattur kbir tal-Filarmonika San Filippo tant li kien iħallas l-ispejjeż kollha tal-banda. Ta' min isemmi li meta xi bandist kien ikollu tarbija, Carmelo kien jagħtih £3 (€7) bħala rigal.[1] Insibu li fl-20 ta' Novembru 1896, il-President kien ħallas is-somma ta' 10/- (għaxar xelini) (€1.16) lil Bartolomeo Casha biex xtara mejda tal-kawba għall-Casino San Filippo (ara rċevuta A). Hemm dokumentat ukoll li fil-15 ta' Mejju 1902, il-Maestro di Cappella Ricardo Bugeja ffirma rċevuta għall-ħlas ta' £13.19s (€32.49) li kien irċieva mingħand in-negozjant Carmelo Zammit, għad-daqq ta' mużika esegwita waqt il-festa ta' San Filep fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ (ara rċevuta B). Fit-3 ta Ġunju 1906, Carmelo Zammit kien ħallas lil Francesco Galea s-somma ta' £9.06s (€21.66) li kienet tinkludi x-xogħol u l-ispejjeż tal-materjal, biex saru wieħed u tletin uniformi għall-bandisti tal-Banda San Filippo (ara rċevuta C).



Sant'Agata, patruna tan-nissieġa.

Carmelo ġieli wkoll kien jibgħat lill-bandisti għand il-ħajjat Felic Agius (Tat-Twil). B'inizjattiva tal-President Carmelo Zammit u l-membri tal-Kumitat tal-Filarmonika San Filippo, l-aħwa Żaren u Filippo Felici (Ta' Faruni) li kienu negozjanti tal-inbid u li kellhom il-fabbrika biswit il-Knisja tal-Anġli, pprovdew ir-residenza No. 290, *Strada Reale,* Ħaż-Żebbuġ, lis-Surmast Taljan Angelo Melilli biex jiġi joqgħod fiha flimkien mal-familja tiegħu. Qabel, dan is-


Adì 20 Novembre 1896.
Ricevo dal Signor Carmelo Zammit, scellini dieci, prezzo di una tavola di Caoba ad uso del Casino San Filippo.
Lire 10/=
Bartolomeo Casha.

*Irċevuta A* - **Ħlas lil Bartolomeo Casha**

Surmast kien joqgħod fid-dar No. 69, *Strada Bongiorno*, Bormla.

Mill-Arkivju tal-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ, mir-reġistru tal-ħruġ tal-Konfratellanza tal-Madonna taħt it-titolu tal-Duluri, insibu miktub li Carmelo Zammit kien jitħallas għannom tal-Banda San Filippo li kienet tieħu sehem fil-festa tal-Madonna tad-Duluri.

Fost l-avvenimenti prinċipali li seħħew kemm dam President ta' din l-Għaqda nsibu:-

| | |
|---|---|
| 23.03.1896 | Il-Banda San Filippo tieħu sehem fi sfilata ta' protesta organizzata mill-Awtorità Ekkleżjastika (Mons. Pietro Pace). |
| 20.06.1897 | Il-Banda San Filep ħadet sehem f'sfilata ta' baned biex ifakkru l-ġublew tad-djamanti tar-Reġina Victoria. |
| 17.07.1897 | Is-Soċjetà Banda San Filippo ikkontribwiet għas-suċċess tal-ewwel pellegrinaġġ f'Agira. |
| 1898 | Ir-raba' sede tal-Każin Banda San Filippo kienet f'No. 259/260, Strada Reale. Illum 23, Misraħ San Filep, fejn hemm l-uffiċċju tal-Partit Nazzjonalista. |
| 1899 | Mro. Alessandro Agius inħatar surmast direttur tal-Banda San Filep (1899 - 1903). |
| 28.04.1899 | Il-Banda San Filippo żaret Tuneż u għamlet programmi mużikali għall-emigranti Maltin taħt id-direzzjoni ta' Mro. Alessandro Agius. |
| April 1911 | Is-Surmast Angelo Melilli rregala lill-Banda San Filep l-Innu ġdid b'isem *Omaggio a San Filippo* per coro e voci puerili. |
| 1911 | Mro. Kav. Alfred Porkiman Hare inħatar surmast direttur tal-Banda San Filep (1911 - 1916), dan sar b'inizjattiva ta' Alfred Zammit McKeon. |
| 22.06.1911 | Il-Banda San Filep marret iddoqq għall-inkurunazzjoni tar-Re Ġorġ V fi sfilata ta' 22 banda, ilkoll wara xulxin li mmarċjaw mill-Furjana sal-Belt Valletta. Kull banda daqqet l-innu *God Save The King* fil-pjazza San Giorgio f'triq Strada Reale. |

Is-Sur Carmelo Zammit miet nhar it-28 t'Ottubru 1911, u fil-funeral akkumpanjatu l-Banda San Filippo taħt id-direzzjoni ta' Mro. Kav. Alfred Porkiman Hare. Kienu ħadu sehem ħafna għaqdiet mużikali bir-rappreżentanti tal-kumitat, l-istandarti tagħhom flimkien ma' bosta mużiċisti u persuni distinti u l-poplu Żebbuġi. Skont is-Superjur tal-M.U.S.E.U.M. is-Sur Anthony Debono ta' dak iż-żmien, il-korteo tal-funeral kien twil mid-dar tiegħu, Triq Manoel għal fejn il-Knisja tal-Anġli, għal *Strada Reale* u sal-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ, u kien għad baqa' n-nies id-dar.



*Irċevuta B* - **Ħlas lill-Maestro di Cappella Ricardo Bugeja**

Dan kien wieħed mill-akbar funerali li sar fil-Belt Rohan. Għall-funeral kien attenda wkoll is-Surmast

Angelo Melilli li kien għadu namruż ħafna għall-Banda San Filippo u li kien ħabib kbir ta' Carmelo. Melilli waqt il-korteo qagħad jippoża quddiem il-Banda. Meta nduna bih is-Surmast Alfred Hare, raġel wieqaf u ta' karattru li juri d-dixxendenza tiegħu Ingliża, mar fuq Angelo Melilli u qallu, "*Issa jien is-Surmast Direttur tal-Banda San Filep!"*,[2] peress li t-tmexxija kienet għaddiet f'idejh.

Fir-registru tal-kaxxier tal-Każin Banda San Filep jidher il-ħlas *Per cinque ghirlande di fiori al funerale di Carmelo Zammit*.



*Irċevuta C* - **Ħlas lil Francesco Galea**

Nhar l-4 ta' Novembru 1911, fil-ħarġa tal-gazzetta *"In-Naħla Maltija*" f'paġna 1306, inkiteb hekk: "Nitolbu bil-qalb għar-ruħ tan-negozjant Carm Zammit, President tal-Banda San Filippo ta' Ħaż-Żebbuġ, li miet ftit ġranet ilu; mibki minn kulħadd, billi kien bniedem ta' qalb ħanina ħafna u li kien jagħmel karità kbira billi kien iħaddem mal-mitejn familja fil-qotnina. Huwa ħalla fit-testment lil uliedu, li jkomplu n-negozju biex ma jnaqqsux il-ħobż lil dawn il-ħafna foqra. Veru karità nisranija.".[3]

Carmelo kien miżżewweġ lil Maria u kellhom erbat itfal: Pinu, Ġużeppi, Salvu u Gerit.

**Referenzi**

[1] Tagħrif mingħand Ġanni Zammit in-neputi ta' Carmelo.

[2] Carlo Tanti (Kaxxier tal-Każin Banda San Filep) għadda dan it-tagħrif lil ibnu Gawdez u dan għaddih lil Philip Agius li kitbu fil-ktieb tal-Festa tal-Każin Banda San Filep tal-1988.

[3] Tagħrif mingħand Philip Agius, li ġabar ħafna tagħrif tal-ġrajja tal-Każin Banda San Filep A.D. 1851. *Fejn qed jistrieħ Carmelo Zammit*

Vanity Fare

Cosmetics, Perfumes
& Hair Accessories



109, Bishop Caruana Street,
Żebbuġ, Malta
*Tel: 2146 3813*
www.vanityfare.trolleymania.com